MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru 276/1995

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Carmelo Sammut

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 327651(M) li hu akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin, fil-kariga tieghu ta' "Testing Co. Ltd", b'diversi azzjonijiet maghmula fi zmenijiet differenti u b'risoluzzjoni wahda bhala manager u/jew ufficjal principali iehor u/jew pagamenti u ghaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-Artikolu 55(1) ta' l-att dwar it-Taxxa fuq l-'Income', Kap 123, hawn izjed 'il-quddiem imsejjah l-att), u r-Regola 28 tar-Regoli

ta’ l-1972 dwar tnaqqis ta’ Taxxa (PAYE (hawn izjed il-quddiem imsejjha r-‘Regoli’), wara li thallsu emolumenti taxxabbli taht l-Artikolu 55(1)(b) u/jew (e) ta’ l-Atti ksur tad-disposizzjonijiet li ser jssemmew:

1. naqas milli jibghat lill-Kummissarju Interni fiz-zmien preskritt it-taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut taghmel skond l-Artikolu 55(1) ta’ l-Att u r-Regola 12(1)(a) tar-Regoli, u dan ghall-perjodu 1988: Jannar sa Dicembru, April sa Dicembru 1989, April sa Dicembru 1990, April sa Dicembru 1991 u ghar-rigward ghas-somma ta’ Lm13,765.25.0;
2. naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospett/i dettaljat/i skond l-Artikolu 55(2) ta’ l-Att u r-Regola 12(1)(a) tar-Regoli, u dan fir-rigward tal-prospett/i ghall-perjodu 1988: Jannar sa Dicembru, April sa Dicembru 1989, April sa Dicembru 1990, April sa Dicembru 1991 u ghar-rigward tas-somma ta’ Lm13,765.25.0.;
3. approprja ruhu, billi dawwar ghalih u ghal persuna/i ohra s-somma ta’ Lm13,765.25.0 li zamm taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta’ haga jew li sar uzu minnha specifikat, bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) u b’dannu tal-Gvern ta’ Malta u ta’ diversi impjegati ta’ “Testing Co Ltd. Il-Qorti hija mitluba illi barra milli tinfliggi l-pieni preskritti fis-subartikolu (9) ta’ l-Artikolu 55 ta’ l-Att, tordna l-imputat jottempra ruhu mal-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ic-certifikat tal-mewt tieghu.

Ikkonsidrat:

Li stante l-mewt tal-imputat fil-mori ta’ dawn il-proceduri dikkjarat procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------